TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 14/17/F

**Grace Carmen Azzopardi**

**vs**

**Home Led Malta – Ryan Fenech**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Jannar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u disgħa u tletin ewro (€139), rappreżentanti prezz ta' *Android Box* illi wara li xtratha ma baqgħetx taħdem.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *Android box* li wara 6 xhur ma baqgħetx taħdem. L-intimat kien irranġahielha u wara 6 xhur oħra reġgħet marret biha biex jagħmel *update*, u kien ikollha tħallas ħamsa u għoxrin ewro (€25) kull darba li tmur.

L-intimat issottometta li huwa lest li joffri s-servizz tiegħu b'xejn kull 6 xhur sabiex jagħmel l-*update* tal-*Android box*, pero' r-rikorrenti qalet li dan qatt ma qalilhom u li għalhekk ma kinux komdi joqgħodu jmorru kull 6 xhur biex isir l-*update* tagħha.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u lill-intimat, jinnota li meta l-intimat biegħ l-*Android box* lir-rikorrenti ma spjegax kollox bid-dettal.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mittt ewro (€100) lir-rikorrenti, u b'dan illi l-*Android box* tiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888